**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 33 – IT-TNEJN, 18 TA' NOVEMBRU 2014 FIL-5.30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |

### 1. Approvazzjoni Minuti Numru 32

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Rigward paragrafu 5.4, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li s-siġar fi Triq il-Kampanella huma protetti u ma jistgħux jiġu miżbura. Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni lill-MELP biex dawn jiġu miżbura.

### 3 Pagamenti Numru 29

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-pagament pendenti lil Med Developers ta' 1000 Ewro. Ġie deċiż li dan il-pagament jiġi mħallas ukoll.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-kawża tal-Qorti kontra B Grima & Sons intilfet u l-Kunsill irid iħallas l-interessi u l-ispejjeż legali. Wara diskussjoni ġie deċiż li ma jsirx appell u jitħallsu l-ispejjeż. Il-Kunsill irrimarka li dan il-kont ma tħallasx minħabba irregolarijiet li saru mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u ma kien hemm ebda direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward in-nuqqas ta' parkeġġ fil-parti ta' fuq ta' Triq tas-Sliema. Sfortunatatment m'hemm xejn li l-Kunsill jista' jagħmel.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward ir-reserved parking għall-Kummissarju u r-Registratur tat-Tribunal. Kien hemm qbil li dan jista' jiċċaqlaq skont il-bżonn.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward Tender SGNLC/T/02/14. Kien hemm offerta waħda tal-Kumpanija Twish. L-offerta kienet waħda viċina tal-istima. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata din l-offerta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Kien hemm diskussjoni rigward l-ingaġġ ta' skivana ġdida fil-Kunsill. Minkejja li ghad m'hemmx approvazzjoni mid-Dipartiment, il-Kunsill iddeċieda li jkompli bil-proċess. Ġie deċiż li jinħoloq Bord biex jevalwa l-applikanti għal dan il-post. Ġie deċiż li l-Bord ikun iffurmat mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, żewġ membri tal-Kunsill li huma Marica Bayliss u Joan Farrugia u membru tal-KAC.

4.6 Ġie deċiż li d-data tal-ikla tal-Milied ser issir fid-9 ta' Jannar 2015.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata talba mill-IDMA biex il-Kunsill iqassam leaflet informattiv rigward it-tibdil tal-ID cards il-ġodda. Kien hemm qbil li dan isir.

5.2 Ġiet innutata ċirkolari rigward Premju Soċjetà Ġusta.

5.3 Inqrat risposta mit-TM bid-data 12 ta' Novembru. Għandha ssir talba lill-Uffiċjal li ffirma din l-ittra biex jiltaqa' miegħu s-Sindku.

5.4 Ġiet innutata talba mill-Għaqda Madonna ta' Lourdes biex isir bejgħ ta' pjanti u oġġetti oħra minn quddiem il-Knisja bejn id-29 ta' Novembru u il-21 ta' Diċembru 2014. Kien hemm qbil fuq dan.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex jitnaddfu t-toroq non urban u jsir it-tindif ta' kulverts fi Triq Saver Zarb bi spiża ta' 100 Ewro. Kien hemm qbil fuq dawn. Hu informa lill-Kunsill li l-Enemalta qed idumu ħafna biex isewwu l-bozoz li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha. Għandha ssir laqgħa magħhom. Kien hemm qbil li jsiru refreshing tal-marki tat-Toroq Russett, Gallina u Santwarju. Għandha ssir talba lil WasteServ għal kontenitur li jista' jinżamm il-Kunsill fejn residenti jistgħu jarmu bozoz bil-merkurju fihom. Għandha ssir site visit rigward bir miftuħ fi Triq Baruża.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-6.37pm.

6.2 Is-Sur Neville Mallia talab biex isiru żewġ "Slow" markings fi Triq l-Assemblea Nazzjonali. Kien hemm qbil fuq dan.

6.3 Is-Sinjura Marica Bayliss informat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-lattrini jixtieq jarma Sigra tal-Milied li diga ghandu fejn hi talbet li jekk ikun hemm bżonn jinxtara xi dawl u tiżjin għal din is-siġra. Kien hemm qbil fuq dan. Għandha tinġabar kwotazzjoni għal siġra kbira tal-Milied artifiċjali li l-prezzha ser tigi diskussa mas-Sindku.

6.4 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis tkellem fuq it-talba mill-Periti RS Design biex jiġi sanzjonat it-taraġ u titwessa' l-bankina fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Gjaċinti. Is-Sindku spejga li din il-parti tal-bankina kienet diġà dejqa u t-taraġ il-ġdid ma ħariġx aktar il-barra mill-antik. Is-Sinjura Marica Bayliss irrimarkat li b'dan ser jinħoloq preċedent. Wara diskussjoni is-Sur Bonello Du Puis ippropona li ssir No Objection għall-ittri ta' RS Design datata 8 ta' April u 2 ta' Ġunju. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 4 favur (Etienne Bonello Du Puis, Dominic Cassar, Neville Malia u Mikhail Micallef) u 2 kontra (Marica Bayliss u Joan Farrugia). Is-Sinjuri Marica Bayliss u Joan Farrugia iddikjaraw li huma kontra minħabba li permess fuq it-taraġ m'hemmx la mill-MEPA la minn TM u lanqas fuq il-pjanti. Is-Sur Mikhail Micallef iddikjara li hu jaqbel biex issir aċċess aħjar fil-bankina.

6.4.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni pjanti proposti għal Ġnien Karin Grech u l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa oħra mal-uffiċjali tal-Ministeru.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |